MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 811/1990/1

**Chevalier Consiglio D`Amato f`ismu proprju u ghan-nom tad-ditta Western Radio Service**

***kontra***

**Joseph N Attard bhala Chairman ghan-nom u in rappresentanza tal-Fairs & Exhibitions Limited u ghal kull interess li jista` jkollu Joseph Saliba**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-Qorti tal-Kummerc fit-23 ta` Lulju 1990 li taqra hekk –

*Peress illi b`"Participation Agreement" datat 20 ta` Frar 1990 (Dok A) l-attur pro et noe ffirma ftehim sabiex jinghata "stand" fit-tlieta u tletin (33) Fiera Internazzjonali ta` Malta fl-Imports Section biex hemm jesebixxi televisions u video recorders tal-marka Seleco provenjenti mill-Italja ;*

*Peress illi ghalkemm l-istess ftehim ma giex iffirmat mis-socjeta` konvenuta, din l-ahhar socjeta` accettat il-ftehim u allokat lill-esponent l-istand numru E14 fl-Imports Section ;*

*Peress illi b`ittra datata 4 ta` Mejju 1990 (Dok B) is-socjeta` konvenuta filwaqt li rreferiet ghall-ftehim u nfurmat lill-attur pro et noe li hi unilateralment iddecidiet li tirrevedi l-istess ftehim, ghaliex allegat li l-attur pro et noe ma kienx "bona fide direct and regular importer" tal-prodotti i kien behsiebu jesebixxi ;*

*Peress illi l-attur pro et noe bi protest ippresentat fid-9 ta` Mejju 1990 (Dok C) ipprotesta ruhu kontra dan l-agir abbuziv u llegali tal-konvenut pro et noe u "inter alia" interpellahom sabiex ma jiddisponux mill-istand in kwistjoni lil terzi*

*Peress illi inoltre l-istand in kwistjoni kienet ilha fil-fatt allokata lill-attur ghal dawn l-ahhar tlieta u tletin (33) sena u kienet giet mibnija minnu u a spejjez tieghu u kienet f`pozizzjoni prominenti ghall-vizitaturi tal-Fiera b`konsegwenza ta` vantagg ikbar ta` bejgh tal-prodotti esebiti minnha ;*

*Peress illi nonostante l-protest u nonostante li bhala kompromess l-attur pro et noe nforma lis-socjeta` konvenuta li kien dispost jesebixxi minflok il-prodotti fuq imsemmija, televisions tal-marka Nikkai impurtati mit-*

*Turkija u fans (Dok A u D) l-istess konvenut noe fil-31 ta` Mejju 1990 allokat l-istand in kwistjoni lill-konvenut l-iehor Joseph Saliba (Dok E) ;*

*Peress illi minhabba f`hekk l-attur pro et noe ma setax jippartecipa fil-Fiera in kwistjoni u b`hekk sofra danni finanzjarji konsiderevoli konsistenti f`telf ta` qligh u danni ohra ;*

*Peress li ghal dawn id-danni hija responsabbli s-socjeta` konvenuta bl-agir abbuziv u llegali taghha li aggixxiet fil-konfront tal-attur pro et noe bi ksur tar-regolamenti minnha stess maghmula msejha "Conditions of Participation and Administrative Regulations" u li kompliet tikser l-istess regolamenti meta attwalment kif anke gara fis-snin precedenti, ippermettiet esebituri ohra fl-istess Imports Section jesebixxu prodotti mhux importati direttament minnhom.*

*Jghid il-konvenut noe ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :-*

*1. Tiddikjarah unikament responsabbli li abbusivament u llegalment kiser il-ftehim ta` partecipazzjoni fuq riferit bejn il-kontendenti ;*

*2. Tiddikjarah li abbusivament u llegalment ma ppermettiex lill-attur pro et noe jippartecipa fit-tlieta u tletin (33) edizzzjoni tal-Fiera Internazzjonali ta` Malta ;*

*3. Tiddikjarah li abbusivament u llegalment ippriva lill-attur pro et noe mill-istand numru E14 (ittra E numru erbatax) u allokaha lill-terzi ;*

*4. Konsegwentement tiddikjarah unikament responsabbli tad-danni sofferti mill-attur pro et noe ;*

*5. Tillikwida l-istess danni, occorrendo bl-opera ta` periti nominandi ;*

*6. Tikkundanna l-konvenut noe ihallas lill-attur pro et noe d-danni hekk likwidati ;*

*7. Tordna lill-konvenut noe sabiex ipoggu lill-attur pro et noe fil-pozizzjoni antecedenti ghall-agir abbusiv taghhom fuq riferit u cioe` fil-pozizzjoni li ghadu jikkwalifika ghall-istand numru E14 bi preferenza assoluta ghal-kwalsiasi terza persuna nkluz il-konvenut Joseph Saliba.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju datat 9 ta` Mejju 1990 kontra l-konvenuti li jibqa` ngunti ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine prezentata fl-<u>24 ta` Awwissu 1990</u> li taqra hekk –

*1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi l-attur ma ottemperax ruhu mal-kondizzjonijiet tal-partecipazzjoni tal-Fjera u ghaldaqstant tilef kull dritt kemm li jippartecipa fil-Fjera kif ukoll ghall-istand li kellu.*

*2. Salvi eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti nomine u l-lista tax-xhieda ndikati minnhom.

Rat id-digriet tal-10 ta` Marzu 1992 fejn il-Qorti tal-Kummerc hatret lill-Av. Dr. Raymond Pace bhala perit legali sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti.

Rat id-digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta` Marzu 1998 fejn, billi l-Av. Dr. Raymond Pace kien elevat ghall-Gudikatura, issostitwietu fil-hatra ta` perit legali bl-Av. Dr. Ramon Rossignaud.

Rat il-verbali tas-seduti kondotti mill-periti legali, u l-provi li ngabru inkluz dokumenti.

Rat ir-relazzjoni li l-perit legali pprezenta fis-6 ta` Gunju 2012 u kkonferma bil-gurament tieghu quddiem din il-Qorti kif presjeduta fl-udjenza tas-16 ta` Lulju 2012.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet tal-partijiet.

Rat id-digriet taghha tal-15 ta` Ottubru 2013 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Provi</u>**

**<u>L-attur</u>** xehed illi huwa jbiegh televisions, radios, hifi equipment, fanijiet u affarijiet simili. In-negozju principali tieghu dejjem kien il-bejgh ta` televisions. Sa mis-snin hamsin, il-hanut tieghu jinsab 710, High Street, Hamrun. Qabel il-hanut kien jismu Western Radio Service u wara ha l-isem "Consiglio". Mill-1956, kien *sole agent* ta` l-prodotti Loewe-Opta, izda wara li hadulu l-agenzija, sar l-ikbar azzjonista tal-kumpannija RTV Maintenance Limited li hija socjeta` li ghandha s-*sole agency* tas-Seleco. Meta jgib it-televisions Loewe-Opta, bdiet issir l-Fiera Internazzjonali ta` Malta, u beda jiehu parti fil-Fiera mill-ewwel sena taghha sas-sena 1990, meta bdiet din il-kawza.

Ighid illi huwa kien ghazel *stand* prominenti li kienet ezatt kif tidhol faccata tal-entratura, u dejjem baqa b`din l-i*stand* bhal ezebituri ohra. Kellha n-nru E14, u kien ihallas lill-Fiera tal-art fejn kienet l-i*stand.* Bena hu l-i*stand* ghas-spejjez tieghu fl-ewwel sena li l-Fiera saret in-Naxxar.

Ikompli jghid illi sabiex wiehed seta` jippartecipa fil-Fiera, xi erbgha xhur qabel l-1 ta` Lulju, kien jircievi l-kont ta` kemm kellhu jhallas ghall-art u kont mill-Pulizija tan-Naxxar. Mal-hlas ma kien jigi ffirmat xejn u xi gimgha qabel ma kienet tibda l-Fiera, kienu jmorru l-ufficcju tal-Fiera u dawn jaghtuhom karti li twahhal mal-*windscreen*.

Isostni li l-is*tand* E14, dejjem kienet fis-sezzjoni tal-importaturi. Kellhom ukoll jimlew karta fejn jindikaw u jiddikjaraw il-prodotti li kienu se jigu ezebiti. Dawn huwa Dok A. L-ewwel darba li hu ndika li kien se jezebixxi prodotti tad-ditta Seleco kien matul l-Fiera tal-1989. Ghall-fiera tal-1990, gew indikati l-istess prodotti (Dok A). Mad-dokument, huwa baghat cheque datat 7 ta` Marzu 1990 ghal Lm107.13 (Dok. F). Xi xahar wara ircieva ittra minghand il-kumpannija konvenuta bid-data tal-4 ta` Mejju 1990 (Dok B) ; mal-ittra intbaghat lura l-Participation Agreement u c-cheque, u cioe` Dok A u Dok F. Wiegeb

ghal dik l-ittra bi protest gudizzjarju tad-9 ta` Mejju 1990 (Dok C).

Stqarr illi ghalkemmipprezenta l-protest, ha hsieb sabiex xahrejn qabel tibda l-Fiera gab ditta ohra jisimha "Nikkai", u nforma lid-dirigenti tal-Fiera. Kif jidher mid-Dok A u D, informahom li minbarra dawk it-televisions kien se jesebixxi fans, televisions Leowtota u fridges Linde u marki ohra.

In segwitu sar jaf mill-gazzetti li l-i*stand* E14 kien inghatat lill-konvenut Joseph Saliba. Skond Dok E, Saliba kien se jesebixxi ghodod.

Kompla jixhed illi minhabba d-decizjoni li hadet is-socjeta` konvenuta, huwa ma setax jesebixxi fil-Fiera tal-1990 u lanqas f`dawk ta` wara ghaliex l-i*stand* E14 baqa` jigi allokat lil Joseph Saliba. Lilu s-socjeta` konvenuta baqghet ma offrietlu l-ebda *stand* alternattiv fl-Import Section.

L-attur isostni illi huwa garrab danni konsistenti fit-telf ta` bejgh u profitt li kien jaghmel kull darba li ha sehem fil-Fiera. Fil-Fiera tal-1989, huwa kien biegh 410-il *television set*. Il-konsegwenza fuq in-negozju tieghu kienet negattiva tant li kellu jissensja l-haddiema kollha tieghu.

L-attur ipprezenta Dok G. Skond dak id-dokument, huwa kellu profitt gross wara l-Fiera tal-1989 fl-ammont ta` Lm 11,332. Waqt il-fiera, ix-xoghol kien ikun koncentrat kollu hemm u kien izomm il-hanut tal-Hamrun miftuh litteralment biex jibqa` miftuh.

Huwa baqa` jbiegh *televisions* Seleco.

**Walter Friggieri** xehed illi fiz-zmien meta l-attur kien jarma huwa kien Direttur Generali tat-Trade Fair Corporation. Kien hemm bord ta` 16-il membru li kienu eletti kull sena. Il-President tal-Korporazzjoni u c-Chairman tas-socjeta konvenuta kien Joseph Attard. Is-socjeta konvenuta kellha Bord tad-Diretturi, li kien format minn uhud mis-16-il membru tal-Korporazzjoni. Min kien ikun residenti fil-Fiera, wara l-allokazzjoni tal-i*stands*, kull ma kellu jaghmel kien li kull sena japplika mal-Korporazzjoni. Ix-xhud kien imur quddiem il-Management Committee biex dan jikkonferma l-allokazzjoni u jistabilixxi t-tariffi, fis-sens li jithallas l-pagament dovut. B`residenti, ried ifisser illi wiehed ikun diga ha sehem fil-Fiera u kellu l-ispazju diga allokat. L-attur dejjem ha sehem fil-Fiera sakemm dam hu Direttur Generali ; anke qabel kellu *stand* apposta ghalih. L-i*stand* partikolari kienet ilha hemm zmien twil u kien l-attur li bena l-i*stand*. Din kienet tinsab f`post prominenti quddiem il-main door fis-Sezzjoni tar-*Retail*.

Ix-xhud kien muri Dok A u kkonferma li dak id-dokument kien jirreferi ghall-allokazzjoni tal-i*stand* E14 lill-attur ghall-Fiera Internazzjonali tal-1990. Fid-dokument, allokazzjoni tfisser partecipazzjoni. Qal li f`dik il-Fiera, l-attur ma hax sehem u l-i*stand* inghatat lil haddiehor. Ir-raguni ma kienx jafha. Id-decizjoni hadha l-Management Committee. Hu kien jattendi ghal-laqghat kollha ta` dan l-kumitat. Meta l-kumitat kien infurmat illi l-attur ma kienx se jibqa` jimporta prodotti tad-ditta li kien jimporta qabel, ma kienx se jinghata l-i*stand* in kwistjoni. Skond il-kumitat, l-attur ma kienx aktar jikkwalifika biex jokkupa l-i*stand*. Il-kumitat ta lilu bhala *head of staff* struzzjonijiet biex jikteb lill-attur halli jindika l-prodotti li kien jimporta u li ried jezebixxi. L-ittra hija dik markata bhala Dok B. In segwitu l-attur kien ha lix-xhud dokumentazzjoni li turi l-prodotti li kien se jimporta ; dawn kienu tal-istess generu li kien jimporta qabel. Ghalih dak it-taghrif rikjest mill-attur kien bizzejjed. Pero` d-decizjoni tal-ahhar kienet tal-kumitat illi l-attur ma jinghatax l-allokazzjoni. Id-dokumenti li gab l-attur kienu akkumpanjat b`ittra u cioe` id-Dok D.

Meta muri Dok E ix-xhud stqarr li fiz-zmien ta` dak id-dokument huwa ma kienx baqa` jahdem il-Fiera. Fil-Fiera tal-1990, l-i*stand* li qabel kienet tal-attur kienet okkupata minn haddiehor. Fl-i*stand* kienet esebita ghodda. Mistoqsi ghaliex l-attur ma kienx kunsidrat bhala *bona fide* importatur ta` Seleco, ix-xhud wiegeb li gara hekk ghaliex is-Seleco kienu qeghdin isiru Malta. Dwar Dok D, xehed illi huwa probabbli li l-attur kien urieh dak id-dokument. Huwa spicca mill-Fiera fix-xahar ta` Dicembru 1990.

Id-Dok E huwa l-*participation agreement* u cioe` il-ftehim bil-kondizzjonijiet. Il-kitba tigi kompletata billi tidhol id-data, l-isem l-esebitur, l-ammont tal-*participation fee*, s-sena relattiva, n-numru u s-sezzjoni tal-i*stand* u l-prodotti li se jkunu esebiti. Id-dokument ikun ippreparat mill-Management tal-Fiera.

Dwar Dok A, ix-xhud stqarr illi dak kien il-*participation agreement* ta` l-attur bid-data tal-20 ta` Frar 1990 u li ma kienx accettat mill-Bord tal-Fiera. L-*agreements* li jithejjew mill-Management jintbaghtu lill-esebituri li jkunu hadu sehem fil-Fiera tas-sena ta` qabel. L-esebituri mbaghad jimlew id-dettalji u jibghat kollox lura lill-Fiera li mbaghad tiddeciedi jekk taccettax il-partecipazzjoni tal-esebitur inkella le.

Ix-xhud accetta li esebitur irid jipprova li precedentemnt ghal dik l-edizzjoni tal-Fiera huwa kien *bona fide* importatur tal-oggetti li kien se jesponi fil-Fiera, jew alternitavament li kien s-*sole distributor*. L-attur kien gab dokumentazzjoni li kienet turi li kien se jimporta televisions tad-ditta Nikkai, izda ma kienx ra l-licenzja tal-importazzjoni. L-attur gab dokumentazzjoni li turi li t-televisions kienu diga` telqu lejn Malta. Il-Fiera ma kenitx zammet kopja ta` din id-dokumentazzjoni. Ir-*rules* u

*regulations* li huma ndikati fil-*participation agreement* kienu jintbaghtu lill-esebitur kull sena.

**<u>Alfred Calleja</u>** - Chairman tal-kumpannija konvenuta – xehed illi fl-1990 kien direttur tas-socjeta`. Dak iz-zmien il-Fiera kienet issir fl-ewwel hmistax il-gurnata ta` Lulju. Biex persuna tippartecipa kien hemm sett ta` regolamenti, ossia *conditions of participation*. Barra minn hekk kien isir ukoll *contract of participation*. L-applikazzjonijiet kienu johorgu f`Novembru, u kellhom jidhlu lura kompletati sal-ahhar ta` Jannar, biex fi Frar isir il-*vetting.* Fl-applikazzjoni kellhom jigu ndikati l-oggetti li kienu se jigu esebiti. Kienet tohrog cirkolari mill-General Manager (Dok AC).

Kompla jixhed illi l-attur ried jesebixxi televisions tad-ditta Seleco, li kienu manufatturati Malta minn RTV Limited. Precedentement l-attur kien jimporta Lowe Opta. Dwar dawn tal-ahhar, ma kien hemm l-ebda problema ghaliex kien *sole importer*. Il-process tal-*vetting* kien iwassal sabiex fil-kaz li jinstab li l-applikant ikun issoddisfa l-kondizzjonijiet, isir imbaghad il-kuntratt. Jekk esebitur waqt il-Fiera jesebixxi oggetti li taghhom mhuwiex l-importatur dirett, is-socjeta` konvenuta kellha dritt li l-ewwel tordna li jitnehhew mill-i*stand* u jekk dan ma jsirx, taghlaq l-i*stand* billi jintefa d-dawl u tigi applikata klawsola 11 tal-kundizzjonijiet li dak l-esebitur ma jithalliex jiehu sehem fil-Fiera tas-sena ta` wara. Il-*conditions of participation* applikabbli ghaz-zmien in kwistjoni huwa indikati fid-Dok AC1.

**<u>Joseph Zammit</u>** xehed illi huwa kien General Manager tas-socjeta` konvenuta bejn l-1980 u l-2003. Qal illi l-partecipazzjoni tal-esebituri fil-Fiera kienet responsabilita` tieghu. Jekk kienu jinqalghu problemi kien jirreferi lill- kumitat tal-*allocations*. Dan il-kumitat imbaghad kien jirreferi l-kaz lil Bord tad-Diretturi.

Xehed illi fl-1990 il-procedura sabiex esebitur jippartecipa fil-Fiera kienet din –

1) Il-kumpannija kienet tohrog avviz lil kull min kellu *right of first refusal* fuq stand fil-Fiera. Kienet tkun cirkolari fejn persuna tapplika. Maghha kien hemm *application form*, fejn persuna jghid semplicement jekk iridx jippartecipa jew le. Maghha kien ikun hemm ukoll *booklet* bil-kondizzjonijiet u indikazzjoni tal-closing date. L-applikant kien jindika f`liema sezzjoni tal-Fiera ried jippartecipa. Dan kollu kien isir ghaliex l-i*stand* ma kenitx mikrija lil esebitur, izda kien jutilizzaha biss fil-perijodu tal-Fiera, bi hmistax il-gurnata qabel biex jarmaha u gimgha wara biex izarma. Kien hemm distinzjoni bejn ezebituri ta` darba li ma kienux jircievu dan l-avviz u l-esebituri regolari li kellhom id-dritt li jergghu japplikaw.

2) Wara l-*closing date* kienet issir lista ta` dawk kollha li applikaw, u jintbaghat il-*partecipation ggreement*, simili ghal Dok A, fejn skond klawsola 5, l-applikant kellu jaghti dettalji tal-oggetti li kien se jesponi, t-trade mark u l-pajjiz ta` origini. Dan imbaghad kien jigi lura mimli bid-dettalji kollha u kien jigi ffirmat minnu bhala General Manager. F`dak l-istadju kien jintalab il-hlas ta` depozitu.

3) Wara li l-applikant jigi accettat, kien jissarraf id-depozitu u jigi ffirmat l-*participation agreement*. L-attur kien jesebixxi fl-*Imports Section*. Kull importatur li jitlob li jiehu sehem fil-Fiera kellu jissodisfa l-kriterju li kien importatur *bona fide*, jigifieri importatur regolari tal-oggett esebit.

Ix-xhud ma setax jiftakar jekk fl-1990 kienx hemm *parallel trading.* Meta kien hemm, kienu jintalbu wkoll is-*shipping documents*. Muri l-applikazzjoni a fol 7, ix-xhud ikkonferma li l-attur ried jezebixxi televisions tal-kulur u video recorders tad-ditta Seleco importati mill-Italja. L-applikazzjoni waslet ghandhom bl-ewwel zewg linji biss, mhux ingassati ; lanqas ma kien hemm miktub il-kliem li jidhru fuq id-dokument. Dan il-*participation agreement* ma kienx accettat u ghalhekk intbaghat lura lill-attur

b`covering letter. Sa fejn seta` jiftakar, anke d-depozitu ntbaghat lura ; huma qatt ma zammew d-depozitu meta l-*participation agreement* intbaghat lura. In segwitu, l-attur rega` ssottometta l-*agreement* bi prodotti godda ; u ghalhekk l-applikazzjoni ghandha l-kliem ingassati, u bdew jidhru *Nikkai CTVs Turkey* u l-kelma “*fans*”. Billi kienet l-ewwel darba li l-attur kien qed juri dawk il-prodotti, intalab jipprezenta s-*shipping documents* bhala verifika li l-attur kien l-importatur u li kien jimputahom b`mod regolari. Sad-data prefiss lill-attur, id-dokumentazzjoni baqghet ma waslitx ghand is-socjeta` konvenuta. Ghalhekk ghal dik is-sena u ta` wara, ittiehdet l-i*stand* li kellu l-attur, u kienet allokata lil haddiehor. Ghall-protest gudizzjarju tal-attur, is-socjeta` konvenuta wiegbet bi kontroprotest fit-30 ta` Mejju 1990.

Ix-xhud ikompli jghid illi kien hemm kazi ohra fejn kienet ittiehdet lura l-i*stand*. Fl-erba` jew hames snin precedenti l-1990, kien hemm okkazjoni wahda fejn l-attur kien hallas izda ma kienx fetah, kien hemm sena fejn b`arrangament mas-socjeta konvenuta l-i*stand* intuza mill-Lions Club ghal skopijiet ta` beneficenza u kien hemm okkazjoni ohra fejn kien miftiehem mal-attur li l-i*stand* tigi allokata lil terzi ghal Fiera wahda u wara regghu avzaw lill-attur li seta` japplika skond il-procedura stabbilita. Fil-kazijiet l-ohra fejn kienu hadu lura l-i*stand*, is-socjeta` konvenuta kienet hafna iktar rigida fl-appliakzzjoni tar-regolamenti ; ix-xhud ipprezenta Dok JZ. Qal ukoll li kien hemm okkazjonijiet fejn kienu rtirati l-prodotti minn fuq l-i*stands* matul il-Fiera. Kien hemm kaz partikolari fejn l-esebitur kiser ir-regolamenti ghaliex esebixxa ghamara li kienet qed tinhadem Malta meta fil-fatt kien indikom bhala impurtati.

Fil-**<u>kontroezami</u>**, meta mistoqsi jekk l-attur kienx ippartecipa ghal diversi snin fil-Fiera billi ezebixxa televisions tad-ditta Seleco, ix-xhud wiegeb li hekk ghamel l-attur fl-1989. It-televisions ma kienux jigu mpurtati izda kienu jigu manifatturati Malta minn RTV Maintenance Limitd. Qal li l-kumitat tal-Fiera, ghalkemm il-prodott ma

kienx impurtat, kien ta koncessjoni lil diversi negozjanti fosthom l-attur sabiex jesponu dawk it-televisions fil-Fiera. Il-koncessjoni waqqfet meta regghet bdiet l-importazzjoni tat-televisions u l-importaturi bdew igibu televisions ta` ditti differenti. Is-socjeta` konvenuta ma avzatx lill-esebituri li l-koncessjoni kienet twaqqfet billi s-socjeta` konvenuta ma kellhiex kuntatt kontinwu mal-esebituri. Lill-attur kienu baghtulu cirkulari  mhux ghax kien esebitur tas-Seleco, izda ghaliex kien jimporta affarijiet ohra ukoll, u ghalhekk kellu *right of first refusal*.

Xehed illi kien hemm sena meta l-i*stand* baqghet maghluqa, u dan kien matul iz-zmien meta kien ghad hemm l-koncessjoni. Is-sena ta` wara kien applika, hallas u gie accettat, izda meta x-xhud kien mar fuq l-i*stand* sab lil haddiehor qed jarma u dik kienet ditta mill-Hamrun “*Rose House*”. Il-Fiera waqqfithom u eventwalment l-i*stand* inghata lil Lions Club Malta ghal skopijiet ta` beneficenza.

Xehed illi meta ezebitur ma jiftahx, skond l-*participation agreement* jista` jitlef d-dritt li juza l-i*stand* ; inoltre l-esibitur ma setax icedi l-uzu tal-i*stand* lil haddiehor.  L-attur kien ghamel tlett (3) snin ma jippartecipax.  Fit-tielet sena kien sar ftehim illi xorta jinghata *the right of first refusal* fuq l-allokazzjoni tal-i*stand*.  Dik is-sena l-i*stand* intuzat minn haddiehor.

Ix-xhud ipprezenta ittra datata 13 ta` Gunju 1989. Bl-ittra, is-socjeta` konvenuta nfurmat lill-attur li l-koncessjoni sabiex jesebixxi televisions Seleco ghalkemm l-attur ma kienx agent ufficjali kienet giet terminata.  Wara dik l-ittra, l-attur kiteb lill-Fiera fejn infurmahom li se jimporta t-televisions Seleco u li kellu licenzja tal-importazzjoni.

Stqarr illi l-proprjeta` tal-i*stand* hija tas-socjeta` konvenuta.  Kien jirrizulta car mill-*participation agreement*

illi l-ezebitur kellu biss l-uzu ta` l-i*stand.* Ghall-1990, l-attur kellu sad-9 ta` Mejju 1990 sabiex jipprezenta l-*participation agreement* u d-dokumenti li kienu rikjesti mis-socjeta` konvenuta. L-attur kien inadempjenti. L-ittra tal-attur tal-24 ta` Mejju 1990 kienet meqjusa bhala tardiva.

**Anthony Galea** xehed illi huwa midhla tal-Fiera ghal aktar minn 35 sena. Matul is-snin okkupa diversi karigi fosthom Tesorier, Vici President, Chairman tal-Management Committee u anke President. Fi Frar 1990 kien Tezorier. L-attur kien jiehu sehem regolarment fil-Fiera. Fi zminijiet fejn l-attur ma kellux prodotti x`jesebixxi, l-i*stand* tieghu nghatat lil Lion`s Club. Lill-attur kien koncess d-dritt ta` *rebooking* tal-istess *stand* ; dan kollu sar minhabba s-sitwazzjoni partikolari dwar l-importazzjoni tat-televisions ta` dak iz-zmien. Is-sena ta` wara li l-i*stand* intuza mil-Lion`s Club, l-attur ma pproduciex id-dokumenti mehtiega biex jipprova li kien *bona fide* importatur ta` prodotti li setghu jigu esebiti fil-Fiera. Kien Joseph Zammit, bhala General Manager, li kien jivverifika u jiffirma l-*participation agreement*. Jekk kien hemm xi diffikultajiet, Zammit kien jirreferi ghad-decizjoni tal-*allocations sub-committee* u wara l-kaz kien imur ghand il-*Management Committee*. Huwa qatt ma kien membru taz-zewg kumitati.

Fil-**kontroezami**, ix-xhud ikkonferma li l-istand inbniet mill-attur ghaliex il-*participation fee* li kien qed ihallas kienet ta` *open site*. Wara l-attur, l-i*stand* in kwistjoni kienet allokata lil Joseph Saliba tat-Tool Centre. Mistoqsi dwar l-ittra tal-24 ta` Mejju 1990 ix-xhud stqarr illi kien hemm procedura li kellha tigi segwita. L-*invitation to participate* lill-esebitur kienet tohrog f`Jannar, u hemm ikun hemm *target dates* sakemm ghandhom jigu sottomessi l-*participation agreements*. Meta kien jaghlaq dan iz-zmien kienu jigu studjati dawn l-*agreements.* Ix-xahar ta` Mejju kien diga` tard ghall-Fiera *"to re-allocate"*, u ghalhekk wara tibda l-procedura tal-*point system* biex wiehed jara min hu intitolat ghall-i*stand* vakanti. L-i*stand* ma kienx ghadu gie riallokat lil Joseph Saliba la fil-21 ta`

Mejju 1990 u lanqas fl-24 ta` Mejju 1990. Mistoqsi jekk fil-Fiera tal-1990, kienx hemm esebituri ohra li kellhom televisions tad-ditta Seleco, ix-xhud wiegeb illi kien hemm *stand* fl-*Industry Section* tal-RTV li kienu jimmanifatturaw dawk it-televisions f`Malta. Il-Fiera kellha regolament li jekk ikun hemm bona fide importatur jew manifattur, ma jkunx hemm *stand* iehor bl-istess prodott.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Ir-relazzjoni tal-perit legali</u>**

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali ha l-linja illi dak li kellu jigi stabbilit huwa x`kien il-ftehim bejn l-attur u s-socjeta konvenuta u x`kienu l-kondizzjonijiet li kienu jirregolaw l-partecipazzjoni tal-attur fil-Fiera. Ir-regolamenti kienu esebiti bhala Dok. AC1. Ir-rilevanti minnhom huma dawk illi jghidu i) x`seta` jesebixxi l-attur bhala partecipant tal-Fiera ; u ii) l-gestjoni tal-i*stands*. L-Art 27(iii) tar-regolamenti jghid hekk –

*The Participant is not allowed to exhibit or advertise in the Imports Section any item of which he is not the bona fede direct importer.*

*Locally manufactured or produced items may not be exhibited in the Imports Section unless the Participant proves to the satisfaction of the Fair`s Authorites that he is the manufacturer or producer of such items.*

Il-perit legali jaghmel riferenza wkoll ghal cirkolari mibghuta fid-29 ta` Marzu 1990 (Dok AC) dwar l-elegibilita` tal-prodotti li setghu jigu esebiti fl-Imports Section.

Diversi huma r-regolamenti minn Art 11 sa Art 22 li jirregolaw l-*istands.* Il-perit legali jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet –

1) Illi l-*participation agreement* (Dok A) huwa datat 20 ta` Frar 1990. Ic-cheque li baghat l-attur ghal Lm107.13 igib id-data tas-7 ta` Marzu 1990. Ghalhekk l-applikazzjoni ntbaghtet xi zmien wara s-7 ta` Marzu 1990 ;

2) Illi fl-10 ta` April 1990, il-General Manager tal-Fiera talab lill-attur jikkonferma li huwa kien importatur dirett u regolari ta` Seleco Televisions u sabiex jipproduci d-dokumenti tad-Dwana ;

3) Illi b`ittra tal-4 ta` Mejju 1990, l-attur kien infurmat li l-Management Committee kien iddecieda li l-attur ma kienx *bona fede* importatur dirett u regolari tat-televisions Seleco. Ghalhekk l-*participation agreement* intbaghat lura lill-attur. L-attur kien mitlub sabiex sad-9 ta` Mejju 1990, ighid liema prodotti kien se jesebixxi minflok t-televisions Seleco. Fin-nuqqas, il-Fiera kienet tassumi li l-attur *"that you have not upheld your applicaton"* u kwindi setghet tiddisponi mill-i*stand* ;

4) Illi b`ittra tal-10 ta` Mejju 1990, l-attur kien infurmat li billi kien naqas milli jissottometti l-applikazzjoni, l-i*stand* kienet sejra tigi allokata lil haddiehor. Fl-istess data, l-attur informa lill-General Manager tal-Fiera li fid-9 ta` Mejju 1990 kien ipprezenta protest gudizzjarju kontra l-Fiera ;

5) Illi b`ittra tal-14 ta` Mejju 1990, l-attur informa lill-General Manager li ma kienx inghata bizzejjed zmien mill-4 ta` Mejju 1990 sad-9 ta` Mejju 1990, sabiex iforni l-informazzjoni mitluba mill-Fiera u ghalhekk talab li jerga` japplika sabiex ikun jista` jippartecipa fil-Fiera ;

6) Illi b`ittra tal-21 ta` Mejju 1990, l-attur informa lill-Fiera li kien fil-process li jimporta televisions tal-kulur tad-ditta Nikkai. B`risposta tal-24 ta` Mejju 1990 ghald dik l-ittra, il-Fiera infurmat lill-attur li f`dak l-istadju ma kienx possibli li d-decizjoni tigi rikonsiderata.

Il-perit legali esprima l-fehma illi ladarba l-attur indika prodotti ohra minflok televisions tad-ditta Seleco, dan kien ifisser li hu accetta bhala gustifikata l-oggezzjoni li kienu ghamlu l-organizzaturi tal-Fiera.

Dwar l-i*stand*, il-perit legali jsostni illi ghalkemm dan nbena mill-esibitur, irrizulta minn Dok AC1 li l-*istand* ma jsirx proprjeta tal-esibitur u hemm cirkostanzi fejn il-Fiera ghandha d-dritt talloka l-i*stand* lil haddiehor.

Il-konkluzjoni tal-perit legali hija li mill-provi rrizulta li l-attur ma kienx awtorizzat jippartecipa fil-Fiera tal-1990 mhux ghaliex kienet ittiehdet decizjoni abbuziva u illegali kontra tieghu, izda ghaliex huwa ma rnexxilux f`dik is-sena partikolari u fi zmien lilu koncess (a) li jindika l-prodott li kien se jesebixxi u (b) li jipprova li huwa kien *bona fide* importatur. Ghalhekk fil-fehma tal-perit legali kienet li t-talbiet attrici kellha jigu respinti stante li kien in-nuqqas tal-attur li pprekludieh milli jippartecipa fil-Fiera.

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Sottomissjonijiet bil-miktub</u>**

Fin-nota tieghu, **<u>l-attur</u>** jikkontesta l-fehmiet tal-perit legali.

Skond l-attur, id-decizjoni tas-socjeta` konvenuta ma kenitx ragonevoli ghaliex ghalkemm l-attur ircieva l-*participation agreement* fl-20 ta` Frar 1990, kien biss wara tlett xhur, jigifieri fl-4 ta` Mejju 1990, illi s-socjeta` konvenuta nfurmat lill-attur li ma setghetx taccetta l-partecipazzjoni tieghu billi skond hi, l-attur ma kienx *bona fede* importatur. Tat lill-attur hamest ijiem zmien biss u cioe` sad-9 ta` Mejju 1990 sabiex jirregola ruhu. Fil-fatt l-

attur irnexxielu jikseb id-dokumentazzjoni necessarja sal-21 ta` Mejju 1990, izda dan kien inutli ghaliex s-socjeta konvenuta kienet diga` allokat l-i*stand* lil haddiehor u rrifjutat li thassar id-decizjoni unilaterali taghha, ghalkemm l-attur kien interpellaha permezz ta` protest gudizzjarju sabiex ma jallokax l-i*stand* lil haddiehor.

It-tesi tal-attur hija minn esami tal-*participation agreement* li s-socjeta` konvenuta ghamlet ma` Joseph Saliba datat 31 ta` Mejju 1990 (Dok E) tirrizulta l-*mala fede* tas-socjeta` konvenuta ghaliex : a) mhuwiex minnu li l-konvenuta kienet diga` allokat l-i*stand* lil Joseph Saliba meta l-attur baghat l-applikazzjoni tal-21 ta` Mejju 1990 ; b) mhuwiex minnu li l-konvenuta ma setghetx taccetta l-applikazzjoni riveduta tal-attur tal-21 ta` Mejju 1990 ; c) it-terminu ta` hamest ijiem li nghata l-attur ma jistax jitqies bhala gustifikat tenut kont tal-fatt illi l-ftehim ma` Joseph Saliba kien konkluz fil-31 ta` Mejju 1990 ; d) id-decizjoni tal-konvenuta li ma taccettax l-applikazzjoni tal-attur kienet abbuziva u mehuda in *mala fede* ; e) fuq l-iskorta tax-xiehda ta` Walter Friggieri tant l-konvenuta riedet tnehhi l-i*stand* lill-attur illi meta l-attur gab id-dokumenti l-godda dawn lanqas biss gew ezaminati u l-applikazzjoni kienet michuda bla diskussjoni ; u f) fuq l-iskorta tax-xiehda tal-istess Walter Friggieri, jirrizulta li l-attur kien hadlu dokumenti biex juri li kien se jimporta televisions tad-ditta Nikkai, u li ma kien hemm xejn x`jindika li l-attur ma kienx se jkun *bona fede* importatur taghhom ; ghalhekk ma kellu jkun hemm ebda raguni ghall-eskluzjoni tal-attur meqjus il-fatt li d-Direttur Generali kien sodisfatt bid-dokumenti li gab l-attur.

L-attur jikkontesta l-posizzjoni li harget mid-deposizzjoni ta` Joseph Zammit. Infatti Zammit kien xehed illi l-Fiera kienet tat koncessjoni sabiex l-esebituri jkunu jistghu jesponu televisions tad-ditta Seleco liema koncessjoni tnehhiet meta rega` bdiet l-importazzjoni tat-televisions. Apparti li l-attur ma jiftakarx li kien hemm xi koncessjoni ta` din ix-xorta, jibqa` l-fatt illi l-istess Zammit ikkonferma li t-tnehhija tal-koncessjoni ma kenitx

komunikata lill-esebituri ; skond l-attur, jinsorgi l-kwesit : kif seta l-attur jippresumi li huwa ma kienx se jkun regolari bhala esebitur tat-televisions tad-ditta Seleco ? L-attur jikkontesta x-xiehda ta` Anthony Galea ghaliex irrizulta li meta l-attur kiteb fil-21 ta` Mejju 1990 u l-konvenuta wiegbet fl-24 ta` Mejju 1990, l-istand li kellu l-attur ma kenitx ghadha giet allokata lil Joseph Saliba.

Skond l-attur, id-danni tieghu jirrizultaw fid-Dok G.

Fin-nota taghha, **is-socjeta` konvenuta** ssostni li wahda mill-kondizzjonijiet sabiex esebitur seta` jippartecipa fil-Fiera kienet li jrid jipprova li kellu jkun *bona fide* importatur tal-prodott li kienu se jesebixxi. Fic-cirkolari Dok AC kien indikat illi fost ohrajn – *"In this section it is stressed that only those products which are directly and regularly imported by the exhibitor are eligible for display …"* Skond is-socjeta` konvenuta, irrizulta b`mod car illi fil-mument meta kienet se ssir il-Fiera tal-1990, l-attur ma kienx l-importatur tal-oggetti, ahseb u ara kemm seta` kien *bona fede* importatur. Il-kondizzjonijiet ghal partecipazzjoni fil-Fiera kienu jitkellmu fil-passat u mhux fil-futur, jigifieri l-esebitur ried jipprova li kien diga` attwalment qed jimporta l-oggetti u mhux li kien se jimportahom. Ghalhekk, skond is-socjeta` konvenuta, huwa ghal kollox immaterjali l-argument tal-attur li meta huwa baghat id-dokumenti fil-21 ta` Mejju 1990, l-istand ma kenitx ghadha giet allokata. Il-fatt li s-socjeta` konvenuta ma accettatx l-applikazzjoni tal-attur ma kenitx wahda abbuziva kif jallega l-attur izda kienet wahda konsoni mal-kondizzjonijiet tal-Fiera li gew applikati ghal kull esibitur bl-istess mod.

**Ikkunsidrat :**

## V. Risultanzi

## 1. L-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet

Din hija l-kronologija tal-fatti kif tirrizulta mill-provi (xhieda u dokumenti). Maghha osservazzjonijiet tal-Qorti :

**i)** Fil-Fiera tal-1989, l-attur kien diga` esebixxa televisions tad-ditta Seleco.

**ii)** Meta wasal z-zmien ghall-Fiera tal-1990, l-attur rcieva l-*participation agreement* minghand is-socjeta` konvenuta. Fl-20 ta` Frar 1990, baghtu lura u ndika fih li kien se jesebixxi televisions tad-ditta Seleco ; l-istess bhas-sena ta` qabel.

**iii)** Fid-29 ta` Marzu 1990, l-esebituri rcevew cirkulari (Dok AC) li tghid hekk –

*Imports Section*

*In this section, it is stressed, that only those products which are directly and regularly imported by the exhibitor are eligible for display. Even when an exhibitor is the authorized dealer of a particular product he cannot place it on display on his site/stand unless the said product has been directly and regularly imported by him.*

*Locally manufactured or produced items many not be exhibited in the Imports Section unless the exhibitor proves to the satisfaction of the Fair`s Authorities that he is the direct manufacturer or producer of such items.*

Il-Qorti hija tal-fehma illi l-attur kienu ghadu eligibbli ghaliex kien importatur dirett u regolari ta` televisions tad-ditta Seleco.

Huwa ambigwu t-tieni paragrafu ghaliex minn naha wahda jinghad illi *locally manufactured or produced items many not be exhibited in the Imports Section* u min-naha l-ohra dahlet kondizzjoni *unless the exhibitor proves to the satisfaction of the Fair`s Authorities that he is the direct manufacturer or producer of such items.* Li allura jfisser illi meta esibitur prospettiv jipprova illi huwa *a direct manufacturer or producer* ta` *locally manufactured or produced items* ikun jista` jesebixxi fl-Imports Section. Huwa ambigwu kif l-esibitur ta` *locally manufactured or produced items* jinghata konsiderazzjoni ghall-Imports Section ladarba prodotti li huma manufatturati jew prodotti go Malta ma jistghux jitqiesu bhala prodotti importati. Il-Qorti tghid illi kwalsiasi ambigwita` ma ghandhiex tmur a skapitu jew pregudizzju tal-attur fil-konfront tal-kumpannija konvenuta li *del resto* kienet hi li fasslet ir-regfolamenti taghha.

**iv)** In segwitu l-attur ircieva ittra datata 10 ta` April 1990 (Dok JZ) fejn il-Fiera staqsiet lill-attur sabiex jikkonferma bil-miktub li huwa importatur dirett u regolari tat-televisions tad-ditta Seleco. Ghall-Qorti, din l-ittra hija importanti. Fl-ittra s-socjeta` konvenuta ma qalitx lill-attur illi ma setax jesebixxi t-televisions tad-ditta Seleco (ghaliex kienu qeghdin jigi prodotti u manifatturati Malta) u ghalhekk il-koncessjoni li kien hemm qabel ma kenitx ghadha valida, izda riedet konferma minghandu li kien importatur dirett u regolari. Huwa car li parti mid-difiza tas-socjeta` konvenuta huwa proprju illi l-attur ma setax jesebixxi iktar t-televisions tad-ditta Seleco ghaliex kienu qeghdin jigu manufatturati Malta. **Jinsorgi mill-ewwel il-kwesit : jekk din tal-ahhar kienet tassew ir-raguni ghala ntbaghtet l-ittra tal-10 ta` April 1990, ghaliex allura s-socjeta` konvenuta ma ddikjaratx kjarament dak li riedet mill-attur u fejn riedet tasal ?**

**v)** Bl-ittra tal-4 ta` Mejju 1990 (Dok B) l-attur kien gie infurmat mis-socjeta` konvenuta li minn informazzjoni li kellha (x`ezatt kienet din l-informazzjoni ma rrizultax) l-attur ma kienx qed jigi kunsidrat bhala *bona fide*

importatur ta` t-televisions Seleco. Ghalhekk baghtet lura lill-attur il-*participation agreement* sabiex jindika prodotti ohra biex jigu esibiti u kellu jaghmel dan sa hamest ijiem wara u cioe` sad-9 ta` Mejju 1990.

Ghal din il-Qorti, mhijiex limpida l-imgieba tas-socjeta` konvenuta. Jekk kellha toqghod fuq ix-xiehda ta` Alfred Calleja illi l-applikazzjonijiet kienu jigu *vetted* fi Frar, il-Qorti tistaqsi ghaliex l-attur kien avzat illi l-applikazzjoni tieghu ma kenitx qeghda tigi accettata tlett xhur wara. Il-Qorti tghid illi l-attur ma nghatax bizzejjed zmien sabiex ikun jista` jindika prodotti ohra li seta` jesebixxi. Ladarba kienet is-socjeta` konvenuta li ghazlet li titlob lill-attur illi jaghmel l-indikazzjoni ta` prodotti ohra, kellha taghti zmien ragonevoli lill-attur biex jigi `l quddiem bit-taghrif u ghal din il-Qorti hamest ijiem ma kienx zmien ragonevoli.

Din l-osservazzjoni qeghda ssir anke b`referenza ghal klawsola 11 tal-*Conditions of Participation and Administrative Regulations* (1989) – Dok. AC1 li tghid hekk -

*A Participant who fails to signify his intention to participate within the time limit allowed by the Organisers (**which shall not be less than 7 days**) shall be considered …"*

L-attur kellu dritt ghal <u>**minimu** ta` sebat ijiem zmien</u> sabiex ikun jista` jerga jipprezenta l-*participation agreement* bi prodotti sostitutivi ghat- televisions Seleco. Eppure s-socjeta` konvenuta lanqas irrispettat il-minimu li hi stess ipprefigiet fir-regolamenti taghha.

**vi)** Fl-10 ta` Mejju 1990, is-socjeta` konvenuta kitbet lill-attur biex tavzah li l-istand kien se jinghata lil haddiehor li wara rrizulta li kien Joseph Saliba

**vii)** Fit-22 ta` Mejju 1990, l-attur baghat jinforma lis-socjeta` konvenuta illi kien fil-process li jimporta prodotti tad-ditta Nikkai.

**viii)** B`ittra tal-24 ta` Mejju 1990, l-attur kien infurmat li t-taghrif tieghu wasal tard wisq.

Huwa evidenti mix-xiehda ta` Joseph Zammit illi s-socjeta` konvenuta ma kenitx ivverifikat jekk l-attur kienx importatur tad-ditta Nikkai, izda l-applikazzjoni kienet rifjutat ghaliex waslet tard.

Fil-verita` l-attur ma kienx tard.

Jirrizulta minn Dok E li l-*participation agreement* ta` Joseph Saliba jgib id-data tal-31 ta` Mejju 1990.

Jirrizulta mix-xiehda ta` Anthony Galea li sal-24 ta` Mejju 1990, l-i*stand* li kien juiza l-attur ma kenitx ghadha giet rilokata.

Ghandha ssir ukoll riferenza ghax-xiehda ta` Walter Friggieri. Ighid illi waqt laqgha kien inghad illi l-attur ma kienx se jkompli jimporta televisions Seleco u ghalhekk ma kienx se jinghata l-i*stand.* A fol 156 hemm riportat hekk mid-deposizzjoni tax-xhud :

*"Id-decizjoni tkun ittiehdet mill-Management Committee tas-socjeta` konvenuta. Jiena kont nattendi l-laqghat kollha tal-kumitati kollha ; kont prezenti meta ntqal li peress li l-attur ma kienx se jibqa` jimporta prodotti tal-marka li kien jimporta qabel, ma kienx se jinghata l-istand E14 li dejjem kien jokkupa, u li kien tieghu."*

In segwitu l-istess xhud ighid illi l-attur ma baqax jigi konsiderat ghaliex ma kienx qed jitqies bhala *bona fide* importatur ta` Seleco billi dawn kienu qeghdin jigu prodotti Malta. A fol 157 jirrizulta hekk :

*“Domanda :*
*Tista tghid ghaliex l-attur ma giex ikkunsidrat bhala `bona fede` direct importer tas-Seleco ?*

*Risposta :*
*Ghax dawn kienu jsiru Malta.*

*Aktarx kien hemm diffikulta` li xi haddiehor ried jesebihom. Jista` jkun li din kienet RTV, pero m`iniex cert.”*

Ghall-Qorti, dawn huma staqrrijiet kontradittorji.

L-attur sab ruhu litteralment go "*cirku vizzjuz*". Ghaliex – fuq istanza tas-socjeta` konvenuta – iddecieda li ma jkomplix jimporta televisions Seleco, billi s-socjeta` konvenuta ma kenitx sejra thallih jesebixxi dawk il-prodotti ghax kienu qeghdin jigu manufatturati Malta. U mar ghall-importazzjoni ta` prodotti sostitutivi ghal dawk ta` Seleco, ma kienx accettat ghaliex – skond is-socjeta` konvenuta – ma kienx *bona fede* importatur – minghajr raguni.

Jerga` jinsorgi kwesit iehor : kif seta l-attur ma jitqiesx bhala *bona fide* importatur meta kien imgieghel mis-socjeta` konvenuta stess sabiex f`temp qasir ta` hamest ijiem – iffissat minnha arbitrarjament – jipprova jgib minn barra prodotti ghaliex kien eskluz milli jbiegh is-Seleco li qabel kien jimporta u jbiegh fil-Fiera anke fl-1989 ?

Il-Qorti mhijiex issib inadempjenza jew nuqqas fil-komportament tal-attur, specjalment kien ippruvat li l-Fiera ma kenitx infurmat lill-esebituri li l-koncessjoni li kienet

tezisti qabel ma kenitx sejra tinghata aktar. Il-Qorti tirreferi ghax-xiehda ta` Joseph Zammit a fol 170 :

“*Domanda :*

*Veru li qabel il-Fiera tan-1990, ghal diversi snin, l-attur kien ppartecipa fil-fiera, billi mill-istess stand kien espona ghall-bejgh television sets tal-marka Seleco ?*

*Risposta :*

*Ghal diversi snin le pero` ghal sentejn qabel zgur. Irid nispjega li t-television Seleco ma kienux jigu mportati minn barra, izda kienu jigu assembled f`Malta minn RTV Maintenance Limited.*

*Il-kumitat tal-Fiera, minkejja l-fatt li dawn ma kienux qed jigu mportati bhala prodott lest izda assembled f`Malta, ta koncessjoni lil diversi negozjanti fosthom l-attur, biex jesponu dawn is-sets fl-istands taghhom fil-Fiera.*

*Il-koncessjoni twaqqfet meta regghet bdiet l-importazzjoni tat-televisions, u l-importaturi bdew jgibu televisions ta` diversi ditti.*

*Ma niftakarx meta gara dan.*

***Domanda :***

***Inthom avvzajtu lil esebituri li qed twaqqghu l-koncessjoni ?***

(enfasi tal-qorti)

***Risposta :***

***Le, ghar-raguni li ahna ma kellniex kuntatt kontinwu mal-esebituri.”***

(enfasi tal-qorti)

Jerga` jinsorgi kwesit iehor : Allura kif seta` l-attur jipprevedi meta baghat l-*participation agreement* fi Frar 1990 illi f`Mejju 1990 kien se jkun rinfaccjat b`decizjoni tal-Fiera li ma thalliehx jesebixxi televisions tad-ditta Seleco ?

**Fl-isfond tal-premess, il-Qorti tafferma minghajr l-icken esitazzjoni illi s-socjeta` konvenuta oggettivament la kienet gusta, la kienet ekwa, u wisq anqas kienet ragonevoli fid-decizjoni li hadet dwar il-partecipazzjoni tal-attur fil-Fiera tal-1990 anke fl-applikazzjoni tar-regolamenti li fasslet hija stess.**

Ghaldaqstant il-Qorti ma tistax tikkondividi l-konkluzjonijiet tal-perit legali. Il-konsiderazzjoni tal-perit legali illi ladarba li l-attur indika prodotti tad-ditta Nikkai bhala alternattivi ghal dawk ta` Seleco kienet prova li accetta bhala gustifikata l-oggezzjoni tal-Fiera hija fattwalment u legalment insostenibbli.

Il-Qorti qeghda tilqa` l-ewwel erba` talbiet attrici kif dedotti kontra s-socjeta` konvenuta.

## 2. Il-hames u sitt talbiet

Ghall-fini tal-konsiderazzjoni ta` dawn iz-zewg talbiet, il-Qorti tqis opportun li taghmel riferenza "in extenso" ghas-sentenza taghha tat-13 ta` Ottubru 2004 fil-kawza "**Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co Ltd.**" [**PA/PS**] (mhux appellata) billi l-mod kif il-Qorti ttrattat il-materja tar-risarciment tad-danni joqghod "bizzilla" ghall-kaz tal-lum.

Hemm il-Qorti qalet hekk –

*"Insibu delinjat fil-Kodici Civili l-kriterji ghall-individwazzjoni tad-dannu rizarcibbli u tad-diversi forom ta` rizarciment. Hekk, per ezempju, l-Artikolu 1135 jistabbilixxi li "id-danni li ghandhom jithallsu lill-kreditur huma, b` mod generali, ghat-telf li jkun bata u l-qligh li jkun gie mtellef". Jissokta jsegwi illi f` kaz ta` danni ex culpa ir-responsabilita` hi limitata ghal dawk id-danni li*

*setghu jkunu prevedibbli mid-debitur (Artikolu 1136 ; Kollez. Vol. XXIX.I.927). Invece, f` kaz ta` ghemil doluz jidhlu biss dawk id-danni kif fuq precizati li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta` l-obbligazzjoni (Artikolu 1137 ; Kollez. Vol. XXV.I.653) ;*

*Mis-suespost jitnissel li kull konsegwenza patrimonjali negattiva trid tigi kalkolata skond parametri objettivi. In kwantu l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili jsemmi kemm it-telf subit kif ukoll il-qligh li jkun gie mtellef wiehed jifhem li n- norma hi mahsuba bhala espressjoni tal-principju tar-rizarciment mill-konsegwenzi kollha patrimonjali negattivi tal-lezjoni ghat-titolari tad-dritt. Tali principju "compensatio lucri cum danno" jinnecessita` rabta ma` l- antecedenti li jkunu taw lok ghad-dannu. Dan ghall-fini tan-ness ta` kawzalita`. Huwa mbaghad daqstant iehor logiku u gust illi ghandhom dejjem jittiehdu in konsiderazzjoni l-fattezzi tal-kaz partikolari. Inter alia, f` dan il-kaz, il-fatt li l-atturi ma hadmux l-overtime li dwaru t-telf tieghu qed jitolbu rizarciment. Hekk ukoll wiehed ghandu jaghti qies tat-telf ta` interessi u ta` xi sopravvenuta zvalutazzjoni monetarja daqskemm ukoll wiehed ghandu jikkonsidra l-fatt ta` l-adempiment in forma specifika fejn l-kumpanija konvenuta ddecidiet li tirrettifika l-qaghda pregudizzjevoli ghall-atturi ;*

*Dan premess, huwa pacifikament stabbilit illi l-prova tad-dannu tispetta lil min jallega li sofrih. Jinkombi ghalhekk lill-atturi f` dan l-kaz li jaghtu prova ta` l-effettiva ezistenza tad-dannu ;*

*…*

*In vista tad-divergenza ta` veduti mill-kontendenti fuq il-materja, kombacjat ukoll ma` l-aspetti aktar `il fuq accennati, ma jidherx li hu possibbli, fl-isfond tar-rizultanzi processwali, illi tigi stabbilita stima awtentika u preciza ta` l-entita` tat-telf. Jew ghallanqas jista` jinghad li minhabba l-effett tad-diversi konkawzi jezistu diffikoltajiet ghall-otteniment tal-likwidazzjoni specifika certa u tad-determinazzjoni preciza tat-telf. Meta hekk tirrizulta li hi s-sitwazzjoni forsi l-uniku parametru suggeribbli hu dak ekwitattiv. Logikament, pero`, il-likwidazzjoni ekwitattiva*

*trid dejjem tinzamm fil-qafas tas-sistema kodicistika tar-rizarciment kif espress fl-Artikolu 1135 fuq riferit ;*

*Ma jistax ikun dubitat illi hu rikonoxxut lill-gudikant anke fis-sistema tal-ligi taghna l-poter diskrezzjonali li jillikwida t-telf u l-qligh bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal- valutazzjoni ekwitattiva. Ara a propozitu decizjoni a Vol. XXXV.III.615 fejn gie proprju rikonoxxut, fuq l-istregwa ta` dak espress mill-Qorti Taljana ta` Kassazzjoni, illi "vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori, e` rimesso al magistrato il valutare `ex aequo et bono` secondo i dettami della sua ragione e coscienza, l` ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato" ;*

*Indiskutibilment il-gudikant ma jistax lanqas f` dawn il-kazi jipprexxendi mill-fatt illi l-parti istanti mhix ezonerata mid-dmir li tipprovdi dawk l-elementi probatorji u dawk il-fattijiet li hi tkun taf bihom ghall-iskop tad-determinazzjoni tat-telf. Min-naha tieghu l-gudikant hu tenut li jaghti piz debitu lil dawk l-elementi kollha tal-kaz konkret akkwiziti fil-process. Fi kliem iehor hu ghandu jipprovdi motivazzjoni logika tal- kriterji ta` l-apprezzament prudenti adottati li juru kif wasal ghal-likwidazzjoni tal-quantum debeatur. Ara f` dan is- sens u fuq dan il-punt id-decizjoni riportata a Vol. XXIX.I.1285 ;*

*...*

*Fic-cirkostanzi l-Qorti thoss li hu ekwitattiv ta` l-entita` tad-danni illi tadotta r-regola ta` "in media stat virtus" b`mod li min-naha tistabbilixxi r-rizarciment gust u min-naha l-ohra tevita r-rizarciment gravuz ;"*

Id-danni li taghhom l-attur qieghed jitlob risarciment huwa l-qligh li tilef konsegwenza tad-decizjoni tas-socjeta` konvenuta li ma thalliehx jippartecipa fil-Fiera tal-1990. Irrizulta li l-attur ha sehem fil-Fiera tas-sena ta` qabel. Bid-Dok G li pprezenta, l-attur gab il-prova tal-bejgh ta` televisions Seleco li ghamel fil-Fiera 1989 u l-qligh illi rrikava fl-ammont ta` Lm 11,332 (ekwivalenti ghal

€26,396.46). L-attur isostni li ghax ma thalliex jiehu sehem fil-Fiera 1990 huwa garrab tal-inqas dak it-telf. Ghall-fini ta` komparazzjoni, l-attur ipprezenta Dok CDM sa Dok CDM2 mnejn jirrizulta li fl-1990 il-qligh tal-attur nizel ghal Lm 3,945 (ekwivalenti ghal €9,189.38), fis-sena 1991 il-qligh tal-attur kien ta` Lm 1,180 (ekwivalenti ghal €2,748.66) waqt li fl-1992, il-qligh rega` nizel ghal Lm 91 (€211.94). Diversi setghu kienu r-ragunijiet ghala fis-snin 1991 u 1992, il-qligh tal-attur baqa` niezel. Din il-Qorti m`ghandhiex prova li n-nuqqas kien konsegwenza mmedjata tal-fatt li l-attur ma hax sehem fil-Fiera 1990. Ghalhekk il-Qorti mhijiex sejra taghti konsiderazzjoni ghal li gara fin-negozju tal-attur fl-1991 u 1992. Sejra taghti piz pero` x`gara fin-negattiv fin-negozju tal-attur fl-1990. Mhuwiex kontestat illi fiz-zmien tal-Fiera l-hanut li l-attur ghandu fil-Hamrun jithalla miftuh biex jibqa` miftuh billi l-energija kollha tieghu u tal-impjegati tieghu tkun koncentrata kollha kemm hi fuq il-Fiera. Daqstant iehor mhuwiex kontestat dak li xehed l-attur li konsegwenza tad-decizjoni tas-socjeta` konvenuta kellu jissensja l-haddiema tieghu. Din il-Qorti taccetta li dak l-fatti u cirkostanzi tal-1990 jikkostitwixxu prova tad-dannu.

In kwantu ghall-entita` ta` dan id-dannu il-Qorti trid tqis mhux daqstant ic-cirkostanzi tal-lum, fejn ix-xenarju ta` kif jigi promoss u kif attwalment isir in-negozju nbidel radikalment, izda *the measure of damages* trid titqies fuq ic-cirkostanzi ta` dakinhar. Il-Qorti tqis illi din il-kawza ilha prezentata mill-1990 u l-attur ghalaq il-provi tieghu fl-2007, inkluz il-prova tad-danni. Billi Dok G huwa dak li hu, u mhux sorrett minn dokumenti ohra mirati specifikament biex jaghtu sostenn lill-kontenut ta` dak id-dokument, il-Qorti hija tal-fehma illi accertat il-fatt li l-attur garrab dannu, hija trid necessarjament tezercita kawtela fil-likwidazzjoni tad-danni. In partikolari, il-Qorti sejra tqis ukoll illi kieku l-attur thalla jippartecipa fil-Fiera 1990 u juza *stand* E14 il-fulkru tal-prodott tieghu ma kienux se jkunu it-televisions Seleco (li kienu popolari ferm fis-suq dak iz-zmien) izda televisions ohra provenjenti mit-Turkija li kienu sejrin jigu introdotti fis-suq Malti jidher ghall-ewwel darba. Li jkompli jfisser li ghalkemm l-attur kien maghruf

fis-suq, il-prodott tieghu l-gdid ma kienx u dan il-fatt il-Qorti jidhrilha li ghandu jinghata konsiderazzjoni. Anke jekk *arbitrio boni viri* fil-likwidazzjoni tad-danni, il-Qorti trid tuza kriterji li jkunu jaqblu mal-kwalita` ta` provi li l-ligi trid li jitressqu biex jitqies li min allega jkun wettaq id-dmir li jikkonvinci. Wara li hadet kont tal-fatturi kollha rilevanti, il-Qorti qeghda tillikwida d-danni tal-attur fl-ammont ta` **€15,800**. Dawn id-danni ghandhom jithallsu kollha u unikament mis-socjeta` konvenuta billi ma rrizultax illi l-konvenut Joseph Saliba kien b`xi mod responsabbli ghal li gara lill-attur.

## 2. Is-seba` talba

Fin-noti ta` osservazzjonijiet taghhom, il-partijiet ma ghamlu l-ebda accenn ghal din it-talba. Is-seba` talba baqghet dik li hi bla ma qatt giet rinunzjata. U la tressqet, u lanqas il-konvenuti talbu li jressqu fil-kors tal-kawza, xi eccezzjoni li tolqot **specifikament** dik it-talba. Dan premess, ghalkemm huwa fatt maghruf li l-Fiera Internazzjonali ta` Malta m`ghadhiex issir fil-*grounds* tan-Naxxar fejn kienet ilha ssir ghal snin twal, il-Qorti m`ghandha l-ebda prova illi ladarba l-Fiera ma baqghetx issir in-Naxxar, kull esibitur li kien jippartecipa fil-Fiera tan-Naxxar iddekada minn kwalsiasi dritt li seta` kellu nkluz *the right of first refusal* ghall-i*stands.* Lanqas m`ghandha l-Qorti xi prova li teskludi li qatt il-Fiera Internazzjonali ma sejra terga` organizzata fil-futur fin-Naxxar. Dan kollu ifisser illi ladarba kienet milqugha t-tielet talba, l-attur ghandu jigi reintegrat fid-drittijiet li kellu qabel il-Fiera tal-1990. U ghalhekk is-seba` talba qeghda tkun milqugha wkoll.

## Decide

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi l-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjoni tal-konvenuti.**

**Tilqa` l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba` talbiet attrici kif dedotti kontra s-socjeta` konvenuta.**

**Tilqa` l-hames talba u tillikwida d-danni tal-attur pro et noe fl-ammont ta` hmistax-il elf u tmien mitt Ewro (€15,800).**

**Tilqa` s-sitt talba billi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-attur pro et noe s-somma ta` hmistax-il elf u tmien mitt Ewro (€15,800) bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**Tilqa` s-seba` talba.**

**Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju tad-9 ta` Mejju 1990.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------